## 29 ta' Mejju, 1995

## Imħallef:-

## Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.

Salvu Borg

*versus*

Alfred Abela

**Biljett ta' Mħatra - *Bet Instructions* - Il-*Fair Deal Rules* - Kap. 78 tal-Liġijiet ta' Malta**

*Il-Malta Racing Club huwa lliċenzjat biex jorganizza* races *fejn jistgħu jsiru* bettings *skond il-Kap. 78 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Skond il-*Fair Deals Rules "Bet instructions may only be charged by mutual consent".

*Għalkemm il-biljett ingħata* ticket *bi żball fih, il-biljett xorta ġie aċċettat u ma nbidilx, allura l-biljett maħruġ mill-konvenut huwa validu għall-ħlas u l-ħlas irid isir skond ma hemm imniżżel fuq il-biljett.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 2a;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut a fol. 6;

Rat il-verbal a fol. 73 fejn il-partijiet qablu li ż-żiemel rebbieħ jismu Riverman u kellu n-numru 14; filwaqt li ż-żiemel ta' l-attur kien jismu Russ Vendeen u kellu n-numru 15;

Rat l-atti kolha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat li ma sarux in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat ir-rikors għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u

d-digriet li ngħata;

L-attur xehed li kien mar għand il-konvenut li hu *bookmaker* il-Marsa u qallu biex jilgħablu ż-żiemel. Dan kitiblu biljett u ż-żiemel li bbettja fuqu ħa l-ewwel. Mar biex isarrfu għand il-konvenut iżda dana ma riedx isarrfu u qallu li l-biljett ma kienx hu. Iż-żiemel li rebaħ kellu n-numru 14 u fuq il-biljett kellu n-numru 15. Il-konvenut qallu li hu ma riedx jilgħab dak iż-żiemel iżda l-15. Kien kellem liċ-*Chairman* tar-*Racing Club* u dan kien qal lill-konvenut biex iħallsu, iżda dana rrifjuta. Il-konvenut sostna li kien ħa żball u li ried jirranġa l-biljett u offrilu Lm100 quddiem iċ-*Chairman* pero' m'aċċettax. Il-biljett kien kitbu l-konvenut;

Iż-żiemel tiegħu jismu Russ Vendeen u f'dik it-tiġrija kellu n-numru 15. Hu kien mar biex jilgħab iż-żiemel tiegħu. Hu kien ingħata rata ta' 10 ma' Lm1;

<u>Paul Midolo</u>, *Chairman* tal-*Malta Racing Club* xehed li l-konvenut hu *bookmaker* mal-*club* u għandu kuntratt (ara dok. fol. 41). Abela kellu l-permessi neċessarji biex jaħdem ta' *bookmaker*. Il-permessi tal-pulizija qegħdin fuq il-*club*, imbagħad il-*club* jawtorizza l-*bookmakers* tiegħu. Kienet għaddiet xi liġi li l-Marsa biss jista' jkun hemm logħob tal-*betting*. Kien kellmu l-attur u qallu x'ġara. Imbagħad kellem lil Abela u dana qallu li kien hemm żball. Ipprova jsib kompromess u Abela offra somma flus lill-attur. Iżda ma rranġawx. Wara kien kiteb ittra (ara fol. 31) fejn spjega li l-*bookmakers* għandhom iħallsu fuq in-numru taż-żiemel. F'dan il-każ in-numru 14 kellu jitħallas. Hu jitħallas skond il-biljett li għandu. Jekk kien hemm żball jew ma kienx hemm trid timxi skond il-biljett;

Il-konvenut xehed li huwa awtorizzat mill-*Malta Racing Club* biex jaħdem bħala *bookmaker* ġor-*racing club*. Hemm kuntratt mar-*racing club*. Ċaħad li s-Sur Midolo qallu biex iħallas lil Borg;

Fuq ir-reġistru huma jniżżlu n-numru tal-biljett li jkunu taw. Fuq il-lista esebita a fol. 65 hemm imniżżel l-isem Riverman 400 ma' 40 maqtugħa u mpoġġija post ieħor. Huma kienu qatgħuha billi l-attur ma kellux iż-żiemel Riverman. Huma jagħtu *favourable odds* lill-*owners* taż-żwiemel mentri jekk iż-żiemel ma jkunx ta' l-*owner* jagħtu *odds* normali. Wara t-tiġrija Borg mar biex jitħallas u qallu li l-biljett ma kienx tajjeb. L-odds 400 ma' 40 li hemm fuq il-biljett ma jirrappreżentawx Riverman iżda Russ Vendeen. Fuq il-bord tiegħu, li jwaħħlu huma, iż-żiemel ta' Borg kellu n-numru 14. Meta ndunaw bl-iżball għamluh 15 fuq il-bord. Il-biljett qatt ma ġie korrett. Hu esebixxa l-*Fair Deal Rules*;

**Joseph Spiteri** xehed li kien waħħal il-karta li tawh il-Marsa Club bin-numri żbaljati. Minnhom ħareġ l-ismijiet fuq il-bord tagħhom. Hu waħħal l-isem taż-żiemel. L-attur lagħab iż-żiemel tiegħu. L-*odds* li tah kienu 400 ma' 40. Dawn kienu l-*odds* ta' Riverman. Ma kinux *odds* normali. Il-konvenut ma ħallsux għax l-attur ma kienx lagħab iż-żiemel tiegħu. Huma ndunaw bl-iżball waqt it-tiġrija u ma setgħu jagħmlu xejn. Huma kienu qattgħu l-karta li tawhom ir-*racing club*. Kienet sorpriża li dawn iż-żewġ żwiemel ġew l-ewwel u t-tieni allavolja kienu *outsiders* u ma kienx hemm dawk il-*bettings*;

**Charles Zammit** ikkonferma dak li qallu Spiteri u Abela. Qal li ndunaw bl-iżball qabel it-tiġrija. Irranġaw in-numru fuq il-bord. Abela kien qallu biex jagħmel il-korrezzjonijiet li hemm waqt it-tiġrija;

Illi l-fatti li taw lok għal dina l-kawża huma sempliċi. L-attur mar jibbettja fuq iż-żiemel tiegħu. Il-*bookmaker* taħ biljett bin-numru 14 li suppost kien in-numru taż-żiemel ta' l-attur, iżda fil-fatt kien ta' żiemel ieħor, u dana ġie l-ewwel. Meta mar biex isarraf it-ticket, il-konvenut irrifjuta li jħallsu għax ippretenda li kien sar żball da parti tiegħu billi n-numru taż-żiemel ta' l-attur fil-fatt kien 15;

Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu il-konvenut eċċepixa li l-azzjoni attriċi hija insostenibbli billi skond il-liġi Maltija dina ma tagħti ebda azzjoni għal dejn ta' logħob jew għall-ħlas ta' mħatra;

Issa mill-provi prodotti jirriżulta sodisfaċentement li l-*Malta Racing Club* hija lliċenzjata biex torganizza *races* fejn jistgħu jsiru *bettings* u dana skond il-Kap. 78 tal-Liġijiet ta' Malta - ir-*Racecourse Betting Ordinance*. Iċ-*Chairman* tal-*club* xehed:

"Il-permessi tal-pulizija qegħdin fuq il-*club*, imbagħad il-*club* jawtorizza l-*bookmakers* tiegħu";

**Il-konvenut** xehed li huwa awtorizzat mill-*Malta Racing Club* biex jaħdem bħala *bookmaker* fir-*racing club* u għandu kuntratt;

Għalhekk dina l-eċċezzjoni qiegħda tiġi respinta;

Fil-meritu l-konvenut qed jissottometti li hu għamel żball meta minflok taħ in-numru 15 li kien in-numru taż-żiemel ta' l-attur taħ in-numru 14 li ma kienx in-numru taż-żiemel tiegħu;

Ovvjament dak li jgħodd fi kwistjonijiet bħal dawn huma n-numru li jkollok fuq il-biljett u mhux l-intenzjoni li jkollu ġokatur.

Huwa veru li l-konvenut seta' jikkoreġi *obvious errors*, iżda dawn iridu jsiru fil-ħin proprju u mhux wara t-tiġrija jew waqtha u dana jista' jsir bil-kunsens tal-parti l-oħra. Fil-fatt skond il-*Fair Deal Rules* esebiti mill-istess konvenut: No. 2 "***Bet instructions may only be changed by mutual consent***" u mhux kif għamel il-konvenut, *ad insaputa* ta' l-attur;

Skond iċ-*Chairman* tal-*Malta Racing Club* la darba l-attur għalkemm ingħata *ticket* bi żball fih u l-biljett xorta ġie aċċettat u ma nbidilx, allura l-biljett maħruġ mill-konvenut bit-timbru tal-*Malta Racing Club* huwa validu għall-ħlas u l-ħlas irid isir skond ma hemm imniżżel fuq il-biljett;

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi, prevja li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

Tilqa t-talba ta' l-attur;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.